Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2023/588

27.10.2023

**Avviż għall-attenzjoni tas-Sur Myo Myint Oo (Nru 93) soġġett għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/[*numru*], u fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/[*numru*] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma**

(C/2023/588)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuna li tidher fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/[*numru*] ([2]), u fl-Anness IV għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/[*numru*] ([4]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jemenda l-entrata tal-persuna msemmija hawn fuq soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2013/184/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif rifless f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuna kkonċernata għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat (i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (irreferi għall-Artikolu 4b tar-Regolament).

Il-persuna kkonċernata hija mfakkra li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li tinkludiha fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej qabel il-15 ta' Jannar 2024:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK u l-Artikolu 4i(4) tar-Regolament (UE) Nru 401/2013.

L-attenzjoni tal-persuna kkonċernata qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li tikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u fl-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75.
([2]) ĠU L, 2023/2224, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2422/oj
([3]) ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1.
([4]) ĠU L, 2023/2235, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2435/oj